

Brussell, 18 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11225/18

DAPIX 236
CRIMORG 101
ENFOPOL 386
ENFOCUSTOM 158
JAI 780

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10546/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Kroazja rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, adottati mill-Kunsill fit-3632 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data
tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI

Evalwazzjoni tal-Kroazja rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika

1. F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, il-forniment ta' data personali previst taħt dik id-Deċiżjoni ma jistax isir sakemm id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data stipulati fil-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali tat-territorji tal-Istati Membri involuti f'tali forniment. Il-Kunsill irid jiddeċiedi unanimament jekk intlaħqitx din il-kondizzjoni. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal daww l-Istati Membri fejn il-forniment ta' data personali kif previst fid-Deċiżjoni jkun diġà beda skont it-"Trattat ta' Prüm" (2005).
2. F'konformità mal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-verifika li tkun intlaħqet il-kondizzjoni ta' hawn fuq għandha ssir abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat ukoll fuq żjara ta' evalwazzjoni u fuq prova pilota.
3. F'konformità mal-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jitwieġeb minn Stat Membru hekk kif iqis li huwa laħaq il-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti ta' data.
4. Il-Kroazja lestiet il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar l-iskambju ta' data dattiloskopika. Il-Kroazja wettqet b'suċċess prova pilota mal-Litwanja u s-Slovakkja. Saret żjara ta' evalwazzjoni fil-Kroazja u l-grupp ta' evalwazzjoni mil-Litwanja u s-Slovakkja pproduċa rapport li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill (9087/18 DAPIX 142 CRIMORG 69 ENFOPOL 248 ENFOCUSTOM 111 JAI 503).

5. Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni u l-prova pilota dwar l-iskambju ta' data dattiloskopika (9089/18 JAI 440 DAPIX 143 CRIMORG 70 ENFOPOL 249 ENFOCUSTOM 103).
6. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) fil-25 ta' Ġunju 2018, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ntlaħqu l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika, il-Kroazja implimentat għalkollox id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
7. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika, il-Kroazja implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
